**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1185/97

Francis Spiteri
vs
Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 24 ta' Settembru, 2002

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u 1989 r-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jisthoqqlu.

Illi r-rikorrent ilu jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Illi huwa kien stazzjonat jaghmel xoghol ta' maintenance gewwa l-Impjant ta' Sant Antnin f'Wied il-Ghajn. Illi wara l-elezzjoni generali tal-1987 ir-rikorrent kien applika

ghall-promozzjoni ta' Engine Driver u dan ma' l-istess dipartiment. Illi r-rikorrent kien ghamel interview ghal din il-promozzjoni u li huwa qatt ma nghata risposta ta' x'kien gara f'dan l-interview.

Illi fl-1989 ir-rikorrent rega' applika biex jersaq ghal interview din id-darba ghall-promozzjoni ta' Drainage Worker. Illi r-rikorrent mar tajjeb f'dan l-interview ukoll, izda lanqas din id-darba ma kien inghata risposta dwar kif kien mar fl-interview.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jigi ordnat li r-rikorrent jibda jahdem f'wiehed mill-postijiet ta' xoghol li huwa ghamel l-interviews ghalihom, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979 bhala Labourer. Permezz tar-riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat fil-grad ta' General Hand.

Illi l-procedura stabbilita fir-rigward ta' promozzjonijiet mac-Civil in generali u fid-Dipartiment tax-Xogholijiet in partikolari, dejjem kienet li tohrog sejha ghall-postijiet vakanti. Fil-kaz tar-rikorrent is-sejhiet imsemmija kienu dawk b'numru 5/87 datata 16 ta' Jannar 1987 u 130/88 datata 28 ta' Novembru 1988.

Illi r-rikorrent f'din is-sejha applika ghal grad ta' Engine Driver, izda wara l-intervisti rrizulta li l-maggor parti ta' applikanti fosthom ir-rikorrent ma kienux jippossjedu l-licenzja necessarja ta' Engine Driver kif stipulat fl-Estacode.

Illi sussegwentement gie deciz li din is-sejha kellha titwaqqaf u fejn jikkoncerna l-Engine Drivers gew irrakkomandati u eventwalment promossi dawk it-tliet applikanti li kellhom ir-rekwiziti necessarji msemmija aktar il-fuq.

Il-Bord rispettiv appuntat biex jiddetermina min kien jikkwalifika ghas-sejha hawn fuq imsemmija kien kompost minn Chairman, zewg membri tad-Dipartiment u rapprezentant ta' l-Establishments.

Illi ghas-sejha Cirkolari numru 130/88 ir-rikorrent applika kif segwenti u akkwista l-marki indikati.

| | |
|---|---|
| Engine Driver | Assenta ruhu |
| Drainage Worker | 36 marka |
| Handyman | 37 marka |
| Laboratory Attendant | Assenta ruhu |
| Skilled Labourer | 43 marka |

Illi r-rikorrent naqas li jikkwalifika fil-kategoriji kollha u ghaldaqstant ma giex ikkonsidrat ghal ebda promozzjoni.

Illi l-procedura fid-Dipartiment tax-Xogholijiet dejjem kienet li wara li jigi ppublikat xi rizultat, dan jigi mwahhal ma' notice boards sabiex kull min ikollu xi interess ikun jista' janalizzah.

Illi ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal jichad l-ilment imqanqal mir-rikorrent bhala nfondat fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent in kontro ezami qal li huwa kien mar ghall-interview izda ma hax promozzjoni. Licenzja ta' engine driver ma kellux. Bhala esperjenza ta' drainage worker kellu diversi snin (xi tmintax-il sena bl-ahhar tliet snin fis-sezzjoni tal-Marsa). Semma haddiema li kienu fil-gebel u qabzuh bhal Andrew Cassar u Pawlu Farrugia.

Charles Zammit fitter mal-Public Works Drainage Section qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu. Semma li hu kien biezel hafna fix-xoghol u semma xi nies li kienu naggara u ma kienux jaghmlu xoghol tad-drainage u qabzu lir-rikorrent bhal Paul Farrugia u Ganni Seychell.

Xehed Joe Barabara Technical Officer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet qal li r-rikorrent kien ilu xi tmien snin jahdem tahtu. Semma xi nies li kienu naggara li qabzu lir-rikorrent u kienet inbidlitilhom in-nomenklatura ghal drainage workers.

Xehed Emanuel Cortis Principal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet li kkonferma bil-gurament ir-risposta tad-Dipartiment. Ikkonferma li r-rikorrent kien applika ghal Engine Driver u kien gie fit-72 post. Wara li kienu ghaddew xi 75 ruh il-bord sab li kien hemm lapsus. Dan ghaliex kien hemm il-bzonn ta' licenzja ghal Engine Driver ghalhekk waqa' r-rizultat tal-bord. Ma rrizultax li r-rikorrent u xi persuni ohra gew infurmati b'dan. Qal li r-rikorrent ma kellux licenzja u minn dawk il-75 tlieta biss kellhom licenzja u dawn gew appuntati.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk ir-rikorrent jilmenta milli applika ghal Engine Driver u ghal Drainage Worker u saret ingustizzja mieghu. Kull kaz irid jigi ezaminat ghalih.

Dwar Engine Driver irrizulta li strettament ir-rikorrent kien ghadda u dan kif jirrizulta anke mix-xhieda ta' Emanuel Cortis Principal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ir-rikorrent kien gie fit-72 post izda wara

li sar l-interview l-bord irrejalizza li kien hemm zball amministrattiv fis-sens li biex tapplika ghal Engine Driver suppost ikollox licenzja u r-rikorrent bhal numru kbir ta' applikanti ohra ma kellux licenzja. Hawnhekk it-Tribunal jaqbel ma' dak li gie sottomess mill-konsulent legali tal-intimat li fil-fatt dan jammonta ghal zball amministrattiv u mhux ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap. 394.

Dwar il-kwistjoni ta' Drainage Worker hawn ukoll zewg aspetti. L-ewwel wiehed huwa dak riferibbli ghall-promozzjoni bhala tali. Huwa veru li r-rikorrent gab provi li kien kunsidrat bhala haddiem biezel u kapaci izda dan mhux sufficjenti biex wiehed jipprova li saret ingustizzja fil-konfront tieghu meta sar haddiehor u hu ma sarx. Veru li ssemma li kien hemm haddiema ohra li kienu jahdmu fil-gebel u mhux fid-drainage u gew ritenuti bhala li ghandhom jghaddu waqt li r-rikorrent le izda dan fih innifsu minghajr ma jikkonkorru elementi ohra mhux sufficjenti biex wiehed isib li tirrizulta ingustizzja fit-termini tal-Kap. 394.

Izda jibqa' biss il-fatt li ma giex kontestat li r-rikorrent isostni li bhala Drainage Worker kellu esperjenza twila. Hu jsemmi li ghamel tmintax-il sena jahdem fix-xoghol tad-drainage u cioe` kien qed jaghmel ghalhekk xoghol superjuri ghall-grad tieghu.

Izda t-Tribunal kif ghamel diversi drabi f'kawzi ohra meta sab li r-rikorrent ikun ghamel xoghol superjuri ghal grad tieghu ghal zmien twil ghandu jiddikkjara li r-rikorrent ikun haqqu kumpens.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciza fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna ddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita` jammonta ghal li min ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni.

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000.

Ghalhekk huwa gustifikat li r-rikorrent li ilu ghal zmien twil hafna jaghmel xoghol ta' Drainage Worker jinghata kumpens ghal dak ix-xoghol ghalkemm it-Tribunal ma jistax li bhala tali jaghti l-promozzjoni li r-rikorrent qieghed jitlob. Jekk ir-rikorrent instab tajjeb biex ghal numru ta' snin jaghmel xoghol ta' Drainage Worker dan messu nghata

tali kariga. It-Tribunal ihoss li ghalhekk ghandu jinghata kumpens ta' Lm2000.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna  rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat.